**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2023

18 ta' Settembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Melanie Agius - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku, ippresjeda il-laqgħa

### 11.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

11.1.1 Ma kienx hemm

### 11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

11.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 10/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

11.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Johann Scerri issekondata mis-Sa. Rita Gatt il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

11.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**11.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

11.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi nhar it-30 t'Awissu 2023 kienet inzammet konferenza ghall-istampa li matulha Project Green ghaddiet dettalji dwar progett li kien qieghed jigi ppjanat illi jkun implimentat fi Triq il-Karmnu.

11.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi nhar l-4 ta' Settembru 2023 kienet inzammet laqgha minn AKL dwar parkeggi, liema laqgha kien prezenti ghaliha il-Kunsill Lokali.

11.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi nhar il-5 ta' Settembru 2023 kienet giet inawgurata ufficjalment pixxina gdida fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

11.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-6 ta' Settembru 2023 kienet inzammet laqgha rigward il-monument dghajsa tar-rih li kien jinstab f'Bacir Numru 1.

11.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi mhjar id-9 ta' Settembru 2023 kienet inzammet laqgha li matulha kien gie diskuss progett li Water Services Corporation kienet ser timplimenta fil-lokalita' u li permezz taghha kienu ser isiru mejnijiet u servizzi godda fi 13 il-triq.

11.3.6 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi nhar l-14 ta' Settembru 2023 kienet inzammet konferenza ghall-istampa b'konnessjoni ma' Cospicua Short Play Festival 2023.

11.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar id-19 ta' Settembru 2023 kienet inzammet konferenza ghall-istampa b'konnessjoni ma' ftuh ta' centru ta' matul il-Jum gdid fil-lokalita'.

**11.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

11.4.1 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat meta ser dwar meta ser ikunu. Assenjati mal-Kunsill Lokali haddiema tar-Regjun Port?'
Is-Sindku wiegeb : 'Saret talba lill-president tar-Regjun u ghandha tinghata risposta f'qasir zmien'.

11.4.2 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet: 'Tista' ssir xi haga rigward l-istat hazin ta' Triq il-Madonna tal-Grazzja u tittiehed xi tip ta' azzjoni rigward rimi illegali ta' skart?'
Is-Sindku wiegeb : 'Triq il-Madonna ta'Grazzja hija wahda mit-toroq illi l-Kunsill Lokali talab illi ssir minn Infrastructure Malta. Rigward rimi illegali ta' skart, il-Kunsill Lokali qieghed jaghmel dak kollu possibbli sabiex jirratifika s-sitwazzjoni'.

11.4.3 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : ' Tista' tinghata informazzjoni dwar meta ser issir mill-gdid Triq Wigi Rosato?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ' Minn informazzjoni li ghandu il-Kunsill Lokali Triq Wigi Rosato hija l-ewwel triq li ser issir minn Infrastructure Malta fil-lokalita''.

11.4.4 Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet: 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat jekk hux ser issir Triq il-Madonna tal-Grazzja minhabba l-istat hazin li tinsab fih?'
Is-Sindku wiegeb : 'Triq il-Madonna ta'Grazzja hija wahda mit-toroq illi l-Kunsill Lokali talab illi ssir minn Infrastructure Malta'.

11.4.5 Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet: 'Jista' l-Kunsill Lokali jara illi jsir knis regolari fi Triq San Gwann?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin naraw li l-kuntrattur jaghmel xogholu kif suppost'.

11.4.6 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat meta ser jigi installat defibrillator li xtara l-Kunsill Lokali?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Qieghdin isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex l-imsemmi apparat jigi installat fl-ghassa tal-pulizija hekk kif deciz'.

**11.5.1 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

11.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru08/23) ghall-approvazzjoni.

11.5.2 Is-Sindku iddikjara kunflitt ta' interess dwar pagament dovut lil Wefi Ironmongery. Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

11.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Awissu 2023.

11.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**11.6 Rapporti**

11.6.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz kellha terga' tintbaghat korrispondenza li kien irceiva l-Kunsill Lokali minghand ir-Regjun Port ( Cirk 26/2023)
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta proposta tal-Vici-Sindku li jinghata materjal lill-istudenti minn school grannies hekk kif jirritornaw lura fuq il-bankijiet tal-iskola.
- Kemm il-darba ikun possibbli, il-Kunsill Lokali kellu jtella' attivita' sportiva bil-ghan illi jilqa' talba ta' SportsMalta u jippartecipa fil-European Week of Sports 2023 .
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri bin-on-wheels bil-ghan illi jitpogga fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa..
- Kellha ssir talba lil Transport Malta sabiex tigi installata traffic calmer fi Triq Santa Margerita fuq proposta tas-Sindku.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienet giet sottomessa applikazzjoni sabiex issir manutenzjoni fuq bollards mal-promenade mill-haddiema tax-xogholiijet pubblici.
- Kellha tigi milqugha talba minn RefabLight Blue sabiex jitniehda progett pilota li permezz tieghu jingabar zejt tal-ikel uzat mill-istess kumpanija bil-ghan illi jigi riciklat.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' talba ghal permess li kienet saritlu. It-talba kienet sabiex jinhareg permess fi Triq id-Dejqa
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jtella attivita' b'tema relatata mal-Milied b'konnessjoni ma cirkolari 28/2023 li kienet intbaghtet minn Regjun Port.
- Kellha tinzamm laqgha ma' zewg studenti li kienu pproponew illi jtellghu programm ta' ghaxar sessjonijiet relatati mal-arti u t-tejatru.
- B'konnessjoni ma' cirkolari 27/2023 mahruga mir-Regjun Port, il-Kunsill Lokali qabel illi kemm il-darba ikun possibbli jigu installati CCTV cameras fi Triq l-Irlandizi, Verdala Barracks, Sur San Pawl u Triq il-Gublew tal-Fidda (Biswit CSAF).
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'fondi li kienu qieghdin jitpoggew ghad-disposizzjoni tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' latrini pubbliici jahdmu b'mod aktar awtomatiku.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'cirkolari SPI/TW/8/2021 mahruga mid-divizjoni ghall-Gvern Lokali liema cirkolari kienet tirregola gemellaggi. Is-Sindku informal lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward l-amministrazzjoni kienet hejjiet rapport li kien ser jinqara aktar tard. Huwa zied jghid illi l-Gvern Malti kien qieghed jippjana illi jinfetah konsolat gewwa Pristina fil-Kosovo. Fir-rigward,u fid-dawl tad-diskussjonijiet li l-Kunsill Lokali ta' Bormla kellu mal-istess

Pristina, l-Ambaxxatrici Maltija ghall-Kosovo kienet stiednet lis-Sinkdu, Vici-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghall-ftuh ufficjali tal-istess konsolat.

- Il-Kunsill Lokali qabel illi stima ghal plakka kommemorattiva li kien qieghed jigi ppjanat illi titwahhal fi Triq San Gorg kienet ser tiswa hafna kemm il-darba ssir tal-irham. Minflok, l-istess plakka kella tkun tal-materjal acryclic.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'talba mic-Centru 19 ta' Novembru 1944 sabiex kemm il-darba ikun hemm bzonn issir hofra ghal arblu fi Triq San Gorg.

F'dan l-istadju, is-Sindku u l-Kunsillier Martin Vella ddikjaraw kunflitt ta' interess u hallew l-kamra. Il-Vici-Sindku hadet post is-Sindku u ppresjediet is-sedta

Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi ma kellu jkun hemm ebda problema sakemm l-istess arblu ma jkunx ta' periklu.

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi talba mic-Centru 19 ta' Novembru 1944 ma kelliex tigi milqugha peress illi l-Kunsill Lokali legalment ma setax jaghti ghajnuna finanzjarja hekk kif mitlub.

Is-Sindku u l-Kunsillier Vella dahlu lura fil-kamra tas-seduta u s-Sindku kompla jippresjedi

11.6.2 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali cirkolari SPI/TW/6/2023 - Approvazzjoni Ministerjali sabiex Kunsill Lokali jipproċedi b'Ġemellaġġ u informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-istess dokument, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien hadem bil-ghan illi jigi mimli appendici II tal-istess cirkolari u cioe' ir-rapport tal-gemellagg.

Wara li d-dokument gie intavolat u spjegat fid-dettall mis-Segretarju Ezekuttiv, inkluz dettalji dwar finanzjament, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva d-dokument u qabel illi kellu jigi sottomess hekk kif imressaq.

**11.7 Grawnds Peppi Delceppo**

11.7.1 Bi qbil bejn il-Kunsilliera prezenti, din il-materja kellha tigi diskussa fis-seduta segwenti.

**11.8 Progett Slow Streets**

11.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien hemm il-possibilita' illi l-Kunsill Lokali jinghata fondi sabiex jimplimenta studju li kien sar permezz tal-progett slow streets. Wara li inghataw dettalji tal-proposta, inkluz il-fatt illi sabiex. Jakkwista l-fondi kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali ihallas xi spejjez relatati ma xogholijiet tal-periti, il-Kunsill Lokali qabel illi kemm il-darba jkun possibbli kellu jipprocedi.

**11.9 Cospicua Short Play Festival 2023**

11.9.1 Il-Vici-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru sabiex kemm il-darba jkun possibbli, matul Settembru 2023 jittella' l-Cospicua Short Play Festival 2023. Minbarra li tat dettalji tal-arrangamenti logistici u artistici li kienu qieghdin isiru, il-Vici-Sindku sahqet illi kien jinhtieg li jigi diskuss il-format tas-serata celebratorja tal-ghoti tal-premjijiet. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel standing receptopn fi Pjazza Santa Margerita.

**11.10 Hatra ta' interviewing board – Skala 13**

11.10.1 Wara li inghataw dettalji dwar l-istadju tal-process, il-Kunsill Lokali qabel illi l-interviewing board ghall-vakanza ta' ufficjal ezekuttiv fi Skala 13 kellu jkun kompost mill-Vici-Sindku bhala Chairperson, is-Sinjuri Martin Vella u Melanie Agius bhala membri u s-Sinjura Ramona Falzon Gatt bhala membru ex-ufficio.

**10.8 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

10.8.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:45p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-18 ta' Settembru 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 19 t'Ottubru 2023

*IFFIRMATA*

___________________

**Marco Agius**
Sindku

*IFFIRMATA*

_______________________

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv